

# Dwar Saqwi u Xagħri

Paul P. Borg

## Il-Kitba bid-Demm

Ġamil jimxi kemm kemm izappap, jitmejjel ħarira lejn ix-xellug. Iltqajt miegħu Gar Yunis, f'Bengażi snin ilu meta konna grupp ta' studenti mill-Università. Smajjar u tawwali, ħarstu kannella, imħassba u fil-fond; żagħżugħ edukat, espert tal-ilsien Ingliż wara li qatta' xi ħames snin f'Università Ingliża.

"Jien Palestinjan," qalli wara li konna ilna nitkellmu ftit mhux ħażin. Fi ħdanu tifel ta' xi erba' snin.

Imbagħad ħasadni.

Għolla qalza minnhom. L-irkoppa, biċċa minn koxxtu sfrundata, feles laħam nieqes għalkollox. Sfreġju sħiħ. Ġilda meħjuta bl-addoċċ, imkemmxa, laħam imfejjaq bl-addoċċ. Il-forma tal-għadma dritta, bil-ġilda stirata fuqha.

Ma stajtx nitkellem. Ksaħt. Ibnu niżel minn fuqu, iżżerżaq daħkan. It-tifel mess sieq missieru, mellisħielu. Messlu l-vojt f'koxxtu. Messlu l-ġilda rqieqa fuq l-għadma tawwalija li mill-ġenbejn tiegħu lejn l-irkoppa biex tirfed il-ġisem u żżommu wieqaf.

"Jien Palestinjan," reġa' qalli. "Ara xi ġrali biex niddefendi r-raba' ta' missieri. Imma ħaduhuli l-Lhud. Xeħtuna 'l barra. Serquna. U dak ir-raba' kien tagħna, kien ta' ġenerazzjonijiet sħaħ qabli u lili serquhuli."

Imbagħad waqaf.

"Imma erġajt sejjer għax ir-raba' tagħna, u rridu lura" qalli. "Hemm il-ġrajja tan-nazzjon fih. It-trab mhux trab biss. *The history of our nation is written in the land with our blood.*"

Jekk tmur, ara x'jistgħu jagħmlulek, ridt ngħidlu. U ħarist lejn koxxtu. Din id-darba joqtluk. Jisparawlek. Ħallik mill-art. Ibża' għal ħajtek. Ikun ġenn jekk terġa' tmur. Issa żgur joqtluk. Lanqas timxi sewwa ma tista'.

Imbagħad ressaq lil ibnu miegħu. Għafsu miegħu.

"Tibżax," qalli bi tbissima donnu sema' dak kollu li kont qiegħed naħseb. "Tibżax. Jien ma mmutx."

U beda jbus lil ibnu ċkejken. U l-iben ibus lil missieru. Mgħannaq miegħu.

"Qiegħed tara?" staqsieni. "Jien ma nistax immut!"

Għajnejh kienu leqqiena bil-għadab ta' min hu mkasbar u muġugħ iżda fl-istess waqt ta' min jaf li għada hu tiegħu għax il-qawwa ta' ħsiebu hi eqqel mill-aktar armi qerrieda. Ġamil kien jaf li l-qawwa tiegħu kienet bla tarf.

"Ir-raba' ma jeħduhx," qal ir-raġel lil ibnu. "Ir-raba' ma jistgħu jeħduh qatt għax demmna u ġrajjietna fih. Aħna l-bdiewa kbirna minnu. Lill-ħajja tal-bniedem ma tista' tneħħieha qatt mill-art tiegħu!"

Jien bqajt inħares lejh. Dan ġenn jew imħabba? Dan ġenn jew imħabba? Barra kien kważi dalam u stajt nisma' t-tkarkir t'Allah hu Akbar jidwi mill-Masġed fil-qrib. Bħal ruħ għaddejja tfittex is-serħan. Fi nżul ix-xemx.

L-intraprendituri huma nies għonja u mimlijin ideat, ħsibijiet u kilba bla tarf biex flushom ikabbruhom. Sewwa jagħmlu u għandhom kull dritt. Imma l-art li wħud minnhom jixħtu ħarsthom fuqha hi ta' kulħadd u m'għandhom ebda dritt jeħduha u jbiddluha fi flus. Selmun qiegħed isir żvilupp industrijali fuq ix-xagħri li ħasad lil kulħadd u minkejja li l-biċċa l-kbira tal-Melleħin u tal-Maltin ma riduhx u kkundannawh, xorta waħda qiegħed isir. L-art mhux il-barrani bil-kanuni qiegħed jeħodhielna lilna l-Maltin, imma aħna stess qed neqirduha.

***Il-mara*** żagħżugħa kienet mgħaddba. Kienet ħiemda, iżda għadab kbir tgħawar ġo fiha. Għadab kbir li qatt qabel ma ħasset bħalu. Kien hemm saram kbir quddiemha u ma setgħet tagħmel xejn biex teħles minnu. Saram li qatt qabel ma kienet ħabbtet wiċċha miegħu.

L-inkwiet kbir li kellha kien għax ma kienet tista' tagħmel xejn. Kieku kienet taf l-għadu fejn kien qiegħed jew min kien kienet tmur tiggranfah u tmegħklu xagħru mat-trab. Il-qawwa feroċi ta' mara Maltija kienet tbaqbaq sħiħ ġo fiha. Qatt ma kienet tħalliha għal melħa lil ħadd, aħseb u ara kemm kienet se tħalli għaddej lixx xi ħadd bi ħsieb li jeħdilhom ir-raba'.

Kien għadu filgħodu kmieni. Il-ħajja għadha qed tibda titmattar. L-għodwa Maltija fil-jiem tas-Sajf. Ħiereġ Awwissu.

Ix-xemx qawwija kienet sa tibda tballat fuq dahar iż-żagħżugħa baxxuta taqta' t-tadam mill-għalqa ta' missierha. L-għalqa kienet imdaqqsa ġmielha, u xitla wara xitla ż-żagħżugħa kienet tnaqqi tadama tadama. Kemm jagħmel tadam allajbierek, lissnet f'qalbha. Waħda ħamra aktar mill-oħra. Waħda mlaħħma aktar mill-oħra. U bla ma kienet taf x'qed tagħmel niżlet qalb ix-xtieli, ħaddnet il-frieghi miżgħudin ħodon ħodon ta' tadam, għannqithom magħha. Hekk kienet tagħmel meta tmur lejn ir-raba' li kellhom fi żmien ir-ranġis. Ma kienet taqta' lanqas warda waħda, iżda kienet titpaxxa tarah u xxomm dik ir-riħa tal-ġenn tal-ħamrija, il-fwieħa tal-ħamrija niedja u tar-ranġis niebet minnha.

Lill-weraq aħdar tax-xtieli tat-tadam rassithom ma' sidirha. Kienu ħajjitha dawn, kienu l-frottiet ta' missierha. Ta' nannuha. Ta' ġenerazzjonijiet oħrajn qabilhom, min jaf kemm-il mitt sena ilhom għandhom dawk l-għelieqi. Mimlija ġrajja. Mimlija tifkiriet.

U issa sa jeqirduhomlhom biex jibnu fabbrika tax-xorb. Hekk iridu. Iridu dik l-art u dik il-ħamrija u dawk il-ħitan biex jibnu fabbrika tax-xorb minflokhom. Iridu jeqirdu dawk l-għelieqi biex jibnu fabbrika tax-xorb. Iridu dak l-ilma ġieri biex jimlew il-fliexken bl-ilma u biex ikollhom l-ilma bl-irħis għall-magni tagħhom.

Il-mara bkiet bil-mod. Kienet taf li jekk jieħdu dik l-art ma jkunux ħadu biss ħamsin jew sittin tomna raba', iżda jkunu ħadu magħhom silta mill-ġrajja qadima ta' niesha. Ma jkunux ġarrfu ftit ħitan tas-sejjieħ biss. Iżda jkunu ħattew snin twal ta' tradizzjoni u drawwiet qodma.

Kienet tafu dan kollu din it-tfajla. Kienet taf li kien sa jfisser it-tmiem tal-ġbejniet u t-tmiem tat-tames imdendel lest biex jitniżżel għall-baqta. Kien sa jfisser tmiem il-ħoġor blat fejn ommha u nannietha kienu jnixxfu t-tadam imqadded. Dan kien se jfisser il-bini tal-fabbrika li kienu jridu jibnu minflok ir-raba' tagħhom.

***Ħassitha*** mdejqa mhux ftit.

Issa x-xemx kienet bħal bdiet iddejjaqha. Minflok ma mlietha bil-hena tas-Sajf, bħal nisslet dwejjaq li qatt ma ħasset bħalhom qabel.

Ir-riħa tat-tadam kienet titħallat mal-kubrit li kienu jroxxu missierha jew ħutha s-subien fuq ix-xitla waqt l-irtuba ta' filgħodu. Is-soltu ma kinetx iddejjaqha dik l-għabra safra. Iżda llum bħal darrsitha fuq it-tadam ileqq. Bħal qabbditha tkexkixa bard stramb. Bard li dejjaqha. Għaddabha.

Imma jeħtieg tkompli. Hemm il-kaxxi mimlijin tadam li qatgħu ħutha l-bieraħ. Jeħtieġ jaqtgħu li fadal. Hemm iktar. Ħafna iktar. Tunnellati sħaħ ta' tadam. Tadam għal Malta. Tadam għal barra. U la jillestu hemm l-għeneb. Hemm il-brunġiel, hemm il-patata, hemm il-bżar aħdar, hemm il-bittieħ... U iktar ma' moħħha ġera minn frotta għal frotta, aktar ħasset qilla stramba, dwejjaq  kbar li ma setgħetx tfisser, għadab għal min ried jeħdilhom l-għelieqi. Għadab għal min qiegħed jheddidhom.

Fil-bogħod kien hemm missierha jtella' l-ilma mill-ispiera. Kien hemm ommha traqqa biċċtejn. Kien hemm ħuha bil-mutur. Kien hemm  ħuha l-ieħor idemmel radda radda. Moħħ missierha kien imħasseb, aktarx imbaħnan għax qalulu li dak ir-raba' li kien wiret mingħand missieru u nannuh u bużnannuh ma kien tagħhom xejn. Kien tal-Gvern, kienu qalulu, u l-Gvern jista' jdendel karta mal-ħajt imberfla bl-aħdar u jeħodulek ħalli jkun jista' jbiegħ l-art lil min jiftillu. Il-bidwi ma kellu xejn. Il-bidwi qam, għodwa waħda, u sab li ma kellu xejn. Ir-raba' li  kien jaħseb li kien tiegħu, ma kien tiegħu xejn. Kien biss imqabbel għandu, u xejn iżjed. Il-bidwi ma kellu xejn. Il-bidwi qatt ma kellu xejn.

U issa nqala' neguzjant irid jibni fabbrika tax-xorb hemm. Proprju hemm għoġbu. Proprju hemm flok dak is-saqwi tal-bidwi. U l-kbarat lil dan in-neguzjant ma qalulu xejn. Minflok mal-kbarat żammew mal-bidwi, daru kontra tiegħu. Riedu jeqirduh. Riedu jwittulu r-raba' tiegħu u jiksu kullimkien b'fabbrika  kbira u ġdida. Il-lewn aħmar is-soltu jrattbilha ħsiebha lil din l-omm żagħżugħa, jimliha bl-imħabba għat-trab li jkabbar iz-zkuk, jimla l-arja kollha weraq u ward u frott. Iżda llum l-aħmar bħal ratu ġdid. Ratu mimli qilla għal min ried akkost ta' kollox jeqred dak li kellhom. L-aħmar kien mixgħul għadab għal dawk kollha li riedu jagħmlu ħsara lill-ambjent. Il-mara żagħżugħa bdiet tonfoħ, nifs f'nifs, għajnejha mtlew dmugħ. Għaliex sa jeħdulna r-raba'? Għaliex?

***Għalina*** *l-ħamrija hija ġid, taħseb mikduda bejnha u bejn ruħħa l-mara.*

*Għaliex iridu jeħduhielna? Imma għaliex?*

*Hija l-istess għajxien tagħna hux... aħna bdiewa...*

*Għaliex iridu jeħdulna dan ir-raba' ta' ġid lilna?*

*Il-ħajja tagħna, dan ir-raba' u dan is-saqwi.*

*Għaliex iridu jeħdulna dan ir-raba' kollu mela?*

*Minn filgħodu dejjem sejrin aħna, bix-xogħol fir-raba'.*

*Naħdmu għalina, naħdmu għal uliedna, naħdmu r-raba' għall-Maltin kollha u għall-barranin ukoll.*

*Għaliex iridu jeħduhulna mela? Għaliex?*

*Għalina t-trab hu dak li ħallieli missieri u dak li sa nħalli lit-tfal tiegħi jien.*

*Dan it-trab il-ġrajja tagħna. Għaliex jeqirduh?*

*Dan it-trab l-Ilsien tagħna. Għaliex jeqirduh?*

*Dan it-trab l-identità tagħna. Għaliex jeqirduh?*

*Aħna mhux ħolqa? Mela għalfejn iridu jaqtgħuha din il-katina?*

*X'iriduh ir-raba' tagħna? Għaliex ma jmorrux jibnu l-fabbrika band'oħra?*

*Biex tibni fabbrika hemm bżonn teqred raba' tajjeb? Biex tibni fabbrika hemm bżonn teqred xagħri sbieħ? Hawn ħafna art fejn jistgħu jibnuha l-fabbrika jekk iridu.*

*Mela hawn bilfors? Għaliex iridu s-saqwi tagħna? Għax iridu x-xagħri tagħna?*

*Għax hawn l-ilma?*

*Għax għandhom il-flus?*

*Għax għandhom is-setgħa?*

*Għax aħna ma nafux inqumu fuq tagħna?*

*Għaliex iridu jeqirdulna s-saqwi? Għaliex iridu jeqirdulna dawn ix-xagħri?*

*Għaliex iridu s-saqwi għalihom? Għaliex xeħtu ħarsthom fuq ix-xagħri?*

*Mhux biżżejjed qerduhom minn bnadi oħrajn bħall-Mellieħa, Għajn Żejtuna kollu kemm hu, il-Qawra, il-Marsa, Ħal Qormi, Għawdex? Issa Selmun qed jibnu l-fabbriki fuq ix-xagħri. Sa nibqgħu sejrin hekk allura?*

*M'hu sa jinqala' ħadd li jwaqqafhom? Mhu sa jinqala' ebda bidwi li kapaċi jiqfilhom lil dawn? Mhux sa jinqala' ħadd li jiddefendi lil dan is-saqwi u lil dawn ix-xagħri?*

*Għaliex ma jridux l-ilma jiġri fil-ġwiebi?*

*Għaliex jeqirdu raba' ta' ġid?*

Il-mara żagħżugħa ttella' idha u timsaħ id-dmugħ niezel minn ħaddejha. Id-dmugħ tad-dispjaċir imħallat mal-għaraq tax-xogħol. Madwarha ma kienx hemm biss għelieqi mimlijin frott u wċuh iħaddru. Iżda kien hemm l-istess ħajjitha. L-istess tradizzjoni tagħha. Il-fabbrika tax-xorb li riedu jibnu proprju hemmhekk kienet se tkeċċihom 'il barra. Lil missierha u lil ommha. Lill-familja tagħha. Lill-ġirien. Lil żewġha u lil bintha. Lil ħutha. Il-fabbrika li kienu jridu jibnu kienet sa teqred darba għal dejjem it-tifkiriet li kellha tal-imgħoddi. L-imgħoddi tagħha ma kienx xi ħaġa qadima bħal saqqu qadim u mqatta', iżda kien l-istess identità tagħha, l-istess kelmiet li bihom tgħallmet tleħħen ħsibijietha. L-istess rabta li tgħaqqad il-bierah mgħobbi bis-snin u bil-kultura, ma' għada mimli seħer u misteri u ħajja ġdida. Ma jistax ikun li għalxejn b'xejn jaqbdu u jagħtu l-art lil min irid jagħmel fabbrika li seta' jibni post ieħor. Is-saqwi ma ssibux kullimkien. Għaliex jinqered raba' ta' ġid? Ix-xagħri ma ssibhomx kullimkien. Għaliex teqred xagħri l-ġmiel tagħhom?

# Talba lill-ġellied tal-art

Obżoqli f'wiċċi għażiż ħabib Ġamil,
obżoqli għax hekk ħaqqni jien, żebblaħni.

> Kultant niftakar fik -- titmiegħek fid-deżert,
> mixħut mal-art ramlija -- bi dmugħ l-uġigħ f'għajnejk.
> b'ħeġġa barranija -- titliegħeb fuq ħaddejk
> turini l-ħofra kbira -- fil-qalba ta' rkubbtejk
> u l-ġerħa kollha mħabba -- tberraħlek imniffsejk.

Ġamil, għażiż ħabib, obżoqli f'wiċċi trid?

> Kultant niftakar fik -- titmiegħek fid-deżert,
> u l-qilla t'ibnek ħdejk -- tinfed il-qalb u l-ħsieb
> x'ħin inti ġġiegħlu jaħlef -- il-ħalfa kollha demm
> imgħaqqad kollu ġieħ -- li artu jroddlok lura
> u l-qamar jiddi hieni -- fuq xagħri meħlusin
> x'ħin ħakmet il-barrani -- bid-demm ta' ħajtu jtemm.

Maqdarni għażiż ħabib, maqdarni trid?

> Kissrulek irkubbtejk -- ja ġellied nobbli,
> u int tkaxkart muġugħ -- għax 'l artek ridtha tiegħek.
> Lili obżoqli f'wiċċi -- id-demm iswed ta' sidrek
> biex jiena bih niddakkar -- il-qilla hierġa minnek
> biex jien xi darba nqum -- flok ħiemed f'ġenb beżżiegħ
> nitniegħes u aljenat -- x'ħin l-għadu jdur għax-xagħri
> fuq dawn l-iskolli tiegħi -- u l-gaffa nara għaddejja
> mingħajr ma nerfa' jdejja -- u bla nħarrek xufftejja.

Obżoqli f'wiċċi ja Ġamil, obżoqli
tbaqbiq id-demm ta' qalbek.
Obżoqli f'wiċċi ja Ġamil, obżoqli
il-għadab minn ġo ħsiebek...

Il-mara qamet mill-art fejn kienet. Ħarset madwarha, imbikkma, imkissra. Imbagħad resqet 'l hemm mix-xtieli, ġebbdet il-kaxxa mimlija tadam aħmar aħmar warajha.

***F'daqqa*** waħda tħoss forza barranija tfur f'qalbha.

Għadab kbir. Għadab ġdid. Ir-raba' ma jeħduhx. Ir-raba' ma jeħduhx.

Il-ġrajja tal-umanità li taf hi kienet miktuba madwarha. Il-ġrajja kienet miktuba fil-ġwiebi, fit-trab tal-mogħdijiet. Qatt ma kienet bassret li tħoss dak li kienet qed tħoss dak il-waqt. Qatt ma kienet temmen li tasal tħoss f'qalbha dak l-għadab u dik il-qilla feroċi li kienet qed iġġarrab dak il-waqt.

Kilba kbira għal dak li bi dritt hu tagħha. Tħoss għall-għarrieda l-ħeġġa li jeħtieġ tiġġieled għal dak li hu tagħha. Kull bidwi jħoss dan l-uġigħ darba jew oħra. Jeħtieġ teħodha kontra kull theddida. Dan kien il-ġejjieni tagħha. Dak li hu ta' wliedha u ta' wliedhom. Dan hu l-imgħoddi tagħha. Dan hu l-ġejjieni tagħha. Dan hu l-istess eżistenza tagħha.

L-omm żagħżugħa tħares lejn bintha ċkejkna ċċassata lejha. Demgħa ġġelben ma' ħaddejn l-omm. Tbusha. L-omm tbus lil bintha. Il-bint tbus lill-omm.

Dan ir-raba' ma jmissuhx, dan ir-raba' ma jmissuhx, tgħid bejnha u bejn ruħha. Missieri ma jmutx, avolja xiħ. Jien ma mmutx. U terġa' tbus lil bintha. Snienha mheżża bħalma qatt qabel ma kienet heżżithom. Bejnha u bejn ruħha.

"Ir-raba' ma jeħduhx," tgħid lil bintha. "Ir-raba' ma jistgħu jeħduh qatt għax demmna u ġrajjietna fih. Aħna l-bdiewa kbirna minnu. Lill-ħajja tal-bniedem ma tista' tneħħieha qatt mill-art tiegħu!"

Tħaddan lil bintha sewwa magħha. Turiha l-firxiet u l-oqsma ta' missierha. L-imgħoddi tagħha. Il-ġejjieni tagħha. Tkellimha. Twiddibha ma tħalli lil ħadd imiss dawk l-għelieqi, lanqas meta tikber hi.

Imbagħad timxi lil hemm. Soda fi ħsiebha. Ir-raba' ma jeħduhx kif ġieb u laħaq.


